MALTA

ATT Nru. XXVIII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali.

ACT No. XXVIII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further ta amend the National Assistance Act, 1956.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

1 ta' Awissu, 1986

ATT Nru. XXVIII ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att VIII ta' l-1956

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Għajnuna Nazzjonali (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1956 dwar l-Għajnuna Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-4 ta' Jannar, 1986.

Żieda tas-subartikolu (4) tal-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid numru (4) li ġej:

"(4) Meta f'xi familja jkun hemm mara li tkun xebba jew armla, u li tkun ukoll disokkupata, li tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hi tkun qegħda tieħu ħsieb, waħedha, il-ħin kollu u regolarment, ta' xi ġenitur tagħha, jew ta' ħuha, oħtha, xi nannu jew nanna, ziju jew zija, missier jew omm ir-raġel, jew ħu jew oħt ir-raġel li jkun joqgħod ma' l-istess familja ta' dik il-mara u li jkun ibati minn marda serja tal-ġisem jew tal-moħħ, kif ikun ċertifikat minn tabib li jkun jispeċjalizza fil-qasam tal-marda indikata, jew li jkollu sittin sena jew fuqhom u jkun fiżikament jew mentalment inkapaċi li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u tal-bżonnijiet ta' kull jum tiegħu, jekk din il-mara ma tkunx reġistrata bħala persuna disokkupata mad-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni minkejja l-fatt li hi kapaċi taħdem, hija madankollu jkollha dritt li tirċievi Għajnuna Soċjali bħala familja għaliha skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; iżda din l-għajnuna ma għandhiex taqbeż is-75% tar-rata shiħa li tkun tapplika għal familja li tikkonsisti f'persuna waħda:

Iżda, dan is-subartikolu ma għandux japplika meta min ikun qiegħed jittieħed ħsiebu, ikollu l-ġenitur tiegħu jew martu, jew żewġha, iġħix jew iġħixu miegħu fl-istess familja u dan il-ġenitur jew sieħeb fiż-żwieġ ikun mentalment u fiżikament kapaċi li jieħu ħsieb din il-persuna hu nnifsu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 374 tad-29 ta' Lulju, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati